MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 344/2008

Joseph **AZZOPARDI,** ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta’ *Tim Travel* (P-639)

**vs**

**HIX LTD.** (C- 2327) u Christina Conte

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Mahluf imressaq bil-procedura sommarja specjali fl-10 ta’ April, 2008, li bih u, ghar-ragunijiet hemm imfissra, l-attur *nomine* talab li din il-Qorti a) taqta’ u tiddeciedi l-kawza minghajr is-smigh; u b) tikkundanna lill-imharrkin biex, flimkien u solidalment bejniethom, ihallsuh is-somma ta’ tlettax-il elf, sitt mija u erbgha u tmenin euro u hamsa u hamsin centezmi (€13,684.55) li jirraprezentaw il-prezz ta’ bejgh ta’ biljetti tal-ajru u servizzi relatati.Talab wkoll l-ispejjez u l-imghaxijiet legali;

Rat id-degriet taghha tat-13 ta’ Mejju, 2008, li bih tat zmien lill-imharrkin biex jikkontestaw il-kawza;

Rat id-degriet taghha tat-3 ta’ Gunju, 2008, li bija u fuq talba maghmula mill-imharrkin b’Rikors taghhom tat-2 ta’ Gunju, 2008, tawlet iz-zmien li fih l-imharrkin kellhom iressqu t-Twegiba Mahlufa taghhom;

Rat it-Twegiba Mahlufa mressqa mill-imharrkin fit-3 ta’ Lulju, 2008, li biha laqghu ghat-talba attrici billi qalu, preliminarjament, li l-imharrka Christina Conte m’ghandha l-ebda rabta mad-ditta attrici u jmissha tinheles milli tibqa’ aktar fil-kawza. Fil-mertu, laqghu billi qalu li t-talba attrici ma kenitx misthoqqa u dan ukoll billi l-ammont mitlub kien esagerat;

Semghet ix-xhieda mressqa mill-attur *nomine*;

Rat id-degriet taghha tal-20 ta’ Mejju, 2009, li bih iddikjarat maghluq l-istadju tal-gbir tal-provi;

Rat in-Nota ta’ Sottomisjonijiet[1] imressqa mill-attur nomine fis-26 ta’ Gunju, 2009;

Rat li l-imharrkin naqsu li jressqu Nota ta’ Sottomissjonijeit bi Twegiba, minkejja li nghataw din il-fakulta’ b’degriet tat-2 ta’ Lulju, 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet id-dikjarazzjoni tal-avukat tal-attur nomine waqt is-smigh tal-lum li biha ddikjara li l-kreditu msemmi fir-Rikors Mahluf baqa’ ma thallas xejn minnu;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ghall-hlas ta’ kreditu li l-attur *nomine* jghid li ghandu konra l-imharrkin dwar bejgh ta’ biljetti tal-ajru u servizzi ohrajn marbuta maghhom, moghtijin mill-

[1] Pagg 37-9 tal-process

istess attur nomine lill-imharrkin fuq talba taghhom. Huwa jghid li ghal dawn is-servizzi kien sahansitra nghata *cheques* ghall-ammont dovut, imma dawn ic-*cheques* baqghu ma gewx onorati;

Illi, min naha taghhom l-imharrkin ressqu eccezzjoni ta' xejra procedurali fir-rigward tal-imharrka Christine Conte gja Xuereb, u kif ukoll eccezzjonijiet fil-mertu dwar l-ammont mitlub;

Illi, ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni preliminari tal-imharrka Christine Conte din tghid li jmissha tinheles milli toqghod izjed fil-kawza ghax hi ma kellha x'taqsam xejn mal-kreditu li l-attur nomine jippretendi li jithallas. L-imharrka ma fissritx bl-ebda mod din it-tezi taghha;

Illi, min naha tieghu l-attur *nomine* jwarrab dan l-argument u jishaq li l-fatti li johorgu mill-atti tal-kawza jgibu fix-xejn tali argument. Il-fatt ewlieni li jwaqqa' l-eccezzjoni hu l-hrug ta' numru ta' *cheques*[2] mahrugin mill-istess eccepjenti u ffirmati minnha minn kont bankarju mhaddem minnha[3]. Huwa jqis li l-fatt wahdu li l-eccipjenti harget l-imsemmija *cheques* – li baqghu ma ssarfux – jaghtih jedd biex iressaq il-pretensjonijiet tieghu fil-konfront taghha wkoll;

Illi l-Qorti, wara li qieset dan kollu u fid-dawl tal-fatti li johorgu mill-atti, taqbel ma' l-argument tal-attur *nomine,* wkoll minhabba l-fatt li l-hrug tal-imsemija *cheques* halaq rapport kuntrattwali dirett bejn it-traenti (l-eccipjenti) u l-persuna li kellha tircievi l-hlas tal-kreditu[4];

Illi dawn ir-ragunijiet, il-Qorti mhijix sejra tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-imharrka Christine Conte;

Illi ghal dak li jirrigwarda t-talba attrici fil-mertu, il- Qorti ssib li l-atti tal-kawza juru tajjeb li d-ditta attrici tat servizz lill-imharrkin u li dan l-arrangament kien ilu jsehh xi zmien.

---

[2] Dokti "TT2 – "TT4". F'pagg 6-8 tal-process
[3] Xhieda ta' Joseph Borg Cardona 2.12.08, f'pagg 30-1 tal-process
[4] P.A. PS 9.3.2005 fil-kawza fl-ismijiet *Borg et vs Willoughby*

Il-Qorti ssib li ghajr ghat-tentattiv tal-imharrka Conte biex tinqala'  'l barra mill-kawza fuq il-pretest tan-nuqqas ta' rabta guridika, l-imharrkin ma jichdux li huma fil-fatt qabbdu lill-istess ditta attrici biex tfornilhom l-imsemmija servizzi;

Illi dwar kemm huwa l-kreditu dovut il-Qorti toqghod fuq zewg elementi tal-prova. Fl-ewwel lok, terga' tqis il-fatt tac-c*heques* mahruga u tal-ammonti murija fuqhom. Fit-tieni lok tqis ix-xhieda dettaljata mressqa mill-attur *nomine*[5] li tigbor is-sekwenza tal-grajja kollha li wasslet biex tinfetah din il-kawza;

Il-Qorti ssib li dawn huma provi tajbin bizzejjed biex tista' toqghod fuqhom u tasal f'decizjoni dwar it-talba attrici. Fuq kollox, huma provi li l-imharrkin naqsu li jmieru jew li jwaqqghu b'xi mod, minkejja li nghatatilhom l-opportunita' xierqa li jaghmlu dan;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li:

**Tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari** bhala mhix misthoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' talba attrici** u ssib li l-attur *nomine* huwa kreditur tal-imharrkin, flimkien u solidalment bejniethom, fis-somma ta' tlettax-il elf , sitt mija u erbgha u tmenin Euro u hamsa u hamsin centezmi (€13,684.55) rapprezentanti l-import ta' bejgh ta' biljetti tal-ajru u servizzi relatati moghtijin mill-istess attur lill-imharrkin fuq talba taghhom;

**Tichad l-eccezzjonijiet** l-ohrajn kollha tal-imharrkin bhala mhux misthoqqa  fid-dritt;

**Tikkundanna lill-imharrkin**, flimkien u solidalment bejniethom, biex ihallsu lill-attur *nomine* s-somma msemmija ta' €13,684.55, flimkien ma' l-imghax legali fuq l-imsemmija somma b'sehh mill-10 ta' April, 2008, sal-jum tal-hlas effettiv; u

[5] Affidavit tieghu, f'pag 4 tal-process

**Tikkundanna lill-imharrkin** ihallu wkoll l-**ispejjez tal-kawza.**

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------